**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 450/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Stefan Ellul**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali fl-udjenza tal-24 t'Ottubru 2022 ai termini tal-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali u l-Avviz Legali 297 tal-2017 (L.S. 9.25) b'talba għall-assistenza legali mill-awtoritajiet kompetenti ġewwa l-Litwanja permezz tal-ħruġ ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) tramite' l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u dan għaliex din l-assistenza hija indispensabbli għall-fini tal-proċeduri odjerni.

Rat l-OIE annessa mar-rikors fejn in essenza, il-Prosekuzzjoni qiegħdha titlob informazzjoni mingħand Revolut Payments UAB permezz ta' xhieda ġuramentata ta' rappreżentant ta' Revolut Ltd, konsistenti fi *client account statements* tal-imputat Stefan Ellul u ta' Jack Bugeja u dokumentazzjonijiet anċillari u, f'każ li ma jkunx possibli li x-xhud jinstema', permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub.

Rat ir-risposta tal-imputat tal-14 ta' Diċembru 2022 fejn ikkontesta t-talba għall-ħruġ tal-imsemmi OIE fuq diversi binarji.

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati datat nhar it-28 ta' Novembru 2023, fejn il-Qorti għaddiet sabiex –

*(i)* *Tiċħad it-talba tal-imputat fir-risposta tiegħu biex din il-Qorti tagħmel referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċizjoni preliminari dwar il-pozizzjoni legali Maltija dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew, u*

*(ii)* *Tiċħad ukoll l-oġġezzjoni sollevata mill-imputat dwar it-talba ta' l-Avukat Ġenerali magħmula fl-24 ta' Ottubru 2022 għall-ħruġ u trasmissjoni tal-Ordni ta' Investigazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji ġewwa l-Lituanja,*

*(iii)* *Tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew pprezentat mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Ottubru 2022 intiz għall-emissjoni lill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fil-Lituanja, izda tirriserva li tipprovdi finalment dwar it-trasmissjoni tal-istess OIE wara illi –*

*(a) Ir-referenza għall-"written statement" fil-paragrafu (2) tas-Sezzjoni Ċ tal-OIE titħassar u jintalab biss is-smiegħ tax-xhieda ġuramentata tar-rapprezentant ta' Revolut Ltd quddiem l-awtorita' ġudizzjarja tal-Istat ezekutanti u l-produzzjoni tad-dokumenti mitluba fl-OIE, debitament awtentikati, bi spjega preċiza dwar l-istess dokumenti;*

*(b) B'zieda mad-dispozizzjonijiet legali ċċitati fis-Sezzjoni Ċ tal-OIE, jiġu ċitati ukoll għall-fini tax-xhieda ta' rapprezentant ta' Revolut Ltd, id-dispozizzjonijiet legali tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 371 u l-Artikoli 3(1) u 6B tal-Kapitolu 377;*

*(c) Ir-riferenza għall-isem tal-Maġistrat li qabel kienet tippresjedi din il-kawza jiġi sostitwit;*

*u*

*(iv) Tiċħad l-oġġezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-imputat fir-rigward tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew in dizamina.*

Finalment, il-Qorti rriservat li tipprovdi ulterjorment wara li tara l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew kif emendat u wara li jiġu osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 399(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Stefan Ellul, ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

<u>*Talba Prinċipali*</u>

i. *Tordna, fl-ewwel lok, li t-trasmissjoni tal-EIO odjerna tiġi posposta pendenti l-ezitu ta' dan ir-rikors tal-appell;*

ii. *Tirrevoka contrario imperio id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja ta' nhar it-28 ta' Novembru 2022 in kwantu laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew pprezentat mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Ottubru 2022 intiz għall-emmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fil-Litwanja u minflok tiddikjara li l-OIE ma għandux jiġi trasmess għall-motivi ndikati f'dan ir-rikors t'appell;*

iii. *Tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja ta' nhar it-28 ta' Novembru 2023 in kwantu ċaħdet l-oġġezzjonijiet kollha sollevati mir-rikorrent u minflok tilqahom.*

<u>*Talbiet Sussidjarji*</u>

i. *Issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ai termini tal-artikolu 367 tat-Treaty on the Functioning of the European Union (TFEU) u l-korrispondenti artikolu 5(1) tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tali Qorti tiddetermina u tikkjarifika jekk il-liġi Maltija tipprovdix għal rimedju ġudizzjarju kontra d-deċizjoni li tinħareġ OIE, liema rimedju ġudizzjarju hu meħtieġ skond kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fid-deċizjoni ta' Spetsializirana prokuratura v Ivan Gavanozov, C-852/19 fil-11 ta' Novembru 2021; u/jew*

ii. *Ssir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ai termini tal-artikolu 267 tat-Treaty on the Functioning of the European Union (TFEU) u l-korrispondenti artikolu 5(1) tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tali Qorti tiddetermina u tikkjarifika jekk bil-fatt li l-liġi nostrana ma tipprospettax il-possibilita' ta' appell minn deċizjonijiet interlokutorji, senjatament deċizjonijiet għall-ħruġ ta' OIE, hix inkonsistenti mad-dettami tad-Direttiva 2014/41/EU tal-Unjoni Ewropea u l-ispirtu tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ġenerali.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata it-3 ta' April 2024, fejn, *inter alia*, ġiet sollevata il-preġudizzjali dwar in-nullita' tal-appell intavolat mill-appellant.

Rat li nhar il-5 t'April 2024, "*Dr Francesco Refalo u Dr Nathaniel Falzon għall-Avukat Ġenerali qegħdin jitolbu lid-difiza tiddikjara abbazi ta' liema dispozizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali qed jitressaq dan l-appell*".

Rat ukoll li fl-istess data, u ċioe' fil-5 t'April 2024, "*Dr Arthur Azzopardi għall-appellant jiddikjara li l-appell odjern huwa msejjes fuq l-Artiklu 14 tad-Direttiva Ewropea dwar l-EIO moqri flimkien mal-artikolu 3 sub-inċiz 2 tal-Kap. 460*".

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet trattazzjoni limitatament dwar il-preġudizzjali mqanqla mill-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, din id-deċiżjoni hija limitata għal preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tar-rikors ta'l-appell. Illi l-Avukat Ġenerali, jikkontendi, fost affarijiet oħrajn, is-segwenti –

> *Illi, preliminarjament, irid jingħad illi l-kumpilazzjoni mertu ta' dan l-appell hija waħda li għadha għaddejja u li ma hemm l-ebda bazi legali li tippremetti lir-rikorrent sabiex jintavola appell minn digriet bħalma huwa dak li qiegħed jiġi appellat permezz tar-rikors in risposta;*
>
> *Illi, fit-tieni lok, jidher fil-paragrafi numru disgħa (9) u għaxra (10) tar-rikors promotur illi dan ir-rikors huwa rikors t'appell minn digriet li permezz tiegħu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkordat li jintbagħat EIO lill-awtoritajiet tal-Litwanja, liema digriet ma huwiex appellabbli taħt ebda provizjoni legali u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti fl-umli fehma tal-esponent għandha tiskarta dan ir-rikors fl-intier tiegħu.*

Illi, l-appellant, minn naħa l-oħra, jikkontendi li "*l-appell odjern huwa msejjes abbazi tal-Artiklu 14 tad-Direttiva Ewropea dwar l-EIO moqri flimkien mal-artikolu 3 sub-inċiz 2 tal-Kap. 460*".

Illi l-appellant jinsab mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja b'diversi reati finanzjarji li dwarhom kienet imnehdija il-kumpilazzjoni tal-provi, bl-Avukat Ġenerali għadu ma ħariġx l-Att ta'l-Akkuża iżda qiegħed, bis-setgħa lilu mogħtija fl-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, jirrinivija l-atti quddiem il-Qorti Istruttorja għal ġbir ta' iktar evidenza. Jirriżulta ukoll li fil-kors tal-kumpilazzjoni il-Prosekuzzjoni talbet lill-awtoritajiet tal-Lituwanja, tramite' l-OIE in diżamina, informazzjoni ulterjuri mingħand ix-xhud *Revolut Bank*.

Illi, l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2014/41/EU "*of the European Parliament and of the Council of 3 April 2014 regarding the European Investigation Order in criminal matters*" li l-appellant iddikjara li huwa l-bazi legali tal-appell tiegħu, liema artikolu ġie traspost fil-liġi nostrana permess tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.25 intitolat "*Regolamenti dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew*", senjatament l-artikolu 17 ta' l-istess, jaqra:-

> **(1) Dawk ir-rimedji legali kollha ekwivalenti għal dawk disponibbli f'każ domestiku simili għandhom ikunu applikabbli għall-miżuri investigattivi indikati fl-OIE.**
> **(2) Ir-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-OIE jistgħu jiġu kkontestati biss f'rikors fl-Istat emittenti, mingħajr preġudizzju għall-garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Istat ta' eżekuzzjoni.**
> **(3) Fejn dan ma jimminax il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni, taħt ir-regolament 22(1), l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri addatati biex jiżguraw li tkun ipprovduta informazzjoni dwar il-possibbiltajiet disponibbli taħt il-liġi nazzjonali għal tfittxija tar-rimedji legali meta dawn isiru applikabbli u fiż-żmien tajjeb biex jippermetti l-eżerċizzju effettiv tagħhom.**
> **(4) L-iskadenzi għat-tfittxija ta' rimedju legali għandhom ikunu l-istess bħal dawk previsti f'kawżi domestiċi simili u għandhom jiġu applikati b'mod li jiggarantixxi l-possibbiltà tal-eżerċizzju effettiv ta' dawn ir-rimedji legali għal-partijiet konċernati.**
> **(5) L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar ir-rimedji legali mitluba kontra l-ħruġ, ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' OIE.**
> **(6) Kontestazzjoni legali ma għandhiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-miżura investigattiva, ħlief jekk ikollha dak l-effett f'kawżi domestiċi simili.**
> **(7) L-Istat emittenti għandu jieħu kont ta' kontestazzjoni li jkollha suċċess kontra r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' OIE skont il-liġi nazzjonali. Mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi proċedimenti kriminali fl-Istat emittenti jkunu**

**rispettati d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal proċedimenti ġusti meta ssir il-valutazzjoni tal-provi miksuba permezz tal-OIE.**[1]

Illi din id-Direttiva titqies bħala strument komprensiv li jkopri l-ġbir ta' kull tip ta' evidenza fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u koperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja, kif imħares fl-artikolu 82(1) tat-TFUE. OIE jista' jinħareġ biss jekk il-ġbir tal-evidenza hija meħtieġa u proporzjonata għall-fini ta' proċediment kriminali u meta l-evidenza tista' tinkiseb taħt l-istess kondizzjonijiet fil-kuntest ta' proċediment nazzjonali simili. Illi dan magħdud ma hemm ebda dispożizzjoni li tittratta l-ammissibbiltà tal-evidenza miksuba permezz ta' dan l-istrument ta' rikonoxximent reċiproku, u l-kontestazzjoni għal ħruġ ta'l-istess fuq din il-premessa. Dan qed jingħad għaliex l-oġġezzjoni ewlenija ventilata mill-appellant fil-lanjanza tiegħu hija li x-xiehda tal-Bank *Revolut* ma hijiex prova ammissibbli fil-proċedura kriminali pendenti kontra l-appellant billi dan il-bank għandu jitqies bħala persuna suspettata fil-parametri ta'l-artikolu 355AT(1)(a) tal-Kap.9 u għalhekk taħt il-liġi domestika għandu jitqies bħala *a non-compellable witness*. Jikkontendi illi qabel ikun trasmess l-OIE lill-Istat Eżekutanti, l-awtorita' emittenti għandha taċċerta ruħha illi jkunu fuq saqajhom dawk il-kawteli statutorji kollha biex ma jkunux mittiefsa id-drittijiet fondamentali tax-xhud *Revolut*

---

[1] Corresponding Article 14 2014/41/EU: Legal remedies

1. Member States shall ensure that legal remedies equivalent to those available in a similar domestic case, are applicable to the investigative measures indicated in the EIO.
2. The substantive reasons for issuing the EIO may be challenged only in an action brought in the issuing State, without prejudice to the guarantees of fundamental rights in the executing State.
3. Where it would not undermine the need to ensure confidentiality of an investigation under Article 19(1), the issuing authority and the executing authority shall take the appropriate measures to ensure that information is provided about the possibilities under national law for seeking the legal remedies when these become applicable and in due time to ensure that they can be exercised effectively.
4. Member States shall ensure that the time-limits for seeking a legal remedy shall be the same as those that are provided for in similar domestic cases and are applied in a way that guarantees the possibility of the effective exercise of these legal remedies for the parties concerned.
5. The issuing authority and the executing authority shall inform each other about the legal remedies sought against the issuing, the recognition or the execution of an EIO.
6. A legal challenge shall not suspend the execution of the investigative measure, unless it is provided in similar domestic cases.
7. The issuing State shall take into account a successful challenge against the recognition or execution of an EIO in accordance with its own national law. Without prejudice to national procedural rules Member States shall ensure that in criminal proceedings in the issuing State the rights of the defence and the fairness of the proceedings are respected when assessing evidence obtained through the EIO.

*Bank* suspettat u għalhekk indirettament id-drittijiet tal-appellant innifsu għal difiża xierqa.

Issa l-Qorti Istruttorja, msejħa biex tissindka l-ħruġ tal-OIE abbażi ta' din il-kontestazzjoni imqanqla mill-appellant iddeċidiet illi fl-ewwel lok ir-rimedju li qed ifittex l-appellant li jikkontesta l-validita' ta'l-Ordni tista' ssir f'kull mument anke wara l-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta'l-istess. Qieset illi f'dan l-istadju kumpilatorji tal-proċediment l-Qorti għandha taderixxi mat-talbiet ta'l-Avukat Ġenerali għas-smigħ ta' evidenza fit-termini ta'l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, bil-kontestazzjoni dwar l-ammissibbilita' ta' dik l-evidenza tista' ssir biss wara l-ħruġ tal-Att ta'l-Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali jew inkella quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali fl-eventwalita' illi l-Avukat Ġenerali jibgħat lill-imputat biex ikun iġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati. Għal Qorti Istruttorja dan kien ifisser illi għall-imputat il-liġi domestika tipprovdi rimedji sufficjenti fejn huwa jista' jikkontesta din l-evidenza, jekk hemm bżonn anke quddiem il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali sabiex b'hekk hemm aderenza sħiħa mal-jeddijiet fondamentali tal-imputat, kif imħarsa fit-Trattat fl-eżekuzzjoni tal-OIE.

Illi, l-appellant iżda ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u interpona appell quddiem din il-Qorti għal reviżjoni bl-Avukat Ġenerali jqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' ta' dan l-appell fuq il-premessa illi l-liġi ma tagħti ebda jedd għal appell, diment li l-proċeduri penali għadhom ma wasslux fi tmiemhom, minn digriet interlokutorju mogħti mill-Qorti Istruttorja. L-appellant jilqa' għal dan il-preġudizzjali billi jqies illi huwa għandu jedd għal reviżjoni mogħti mit-Trattat innifsu u d-Direttiva li jagħti jedd lil persuna li kontrih ikun inħareġ dan l-Ordni li jikkontesta l-istess bir-rimedji kollha disponibbli fuq livell nazzjonali, li fil-fehma tiegħu allura, jinkludi reviżjoni quddiem din il-Qorti ta' appell. U fl-eventwalita' illi l-liġi domestika ma tagħtix dan id-dritt ta' kontestazzjoni u huwa lilu mċaħħad dan ir-rimedju, allura talab illi ssir referenza quddiem il-QĠUE sabiex ikun issindikat jekk hemmx nuqqas ta' konformita' tal-liġi domestika ma' dik ewropea.

Issa, n-natura tad-digriet tal-Ewwel Qorti jitqies bħala wieħed interlokutorju. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Manwel Mizzi et", deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1954, ingħad li "**L-espressjoni 'Digriet Interlokutorju' għandha sens ampju, b'mod li tikkomprendi mhux biss provvedimenti interinali jew ordinatorji mogħtija fil-kors tal-kawża imma anki kull xorta ta' digriet**." *In oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Noel Grech" deċiża nhar is-6 ta' April 2006, ġie ritenut dak li għallem il-Professur Mamo –

> **"The expression 'interlocutory decree' in the context must be construed not only in the restricted sense of those decrees whereby directions are given in the course of the proceedings preliminary to the decision on the merits (eg. directions in respect of the evidence) but in the wide and comprehensive sense of any kind of decrees even though they decide on some issue touching the merits rather than the general issue. (Criminal Appeal Anderson vs. Galea, 16/10/1900 – Law Reports Vol. XVIII,p. iv. p.29; German vs. Mizzi , 19/3/1928 – Law Reports Vol.XXVIII, p. iv. p.647). In Criminal Appeal "The Police vs. Lavetti", 4/6/1938, the Court held that the words "interlocutory decree" "referred not only to the decrees which are meant to give directions for regulating the proceedings but should be widely construed as meaning and including all kinds of decrees even those which dispose of some collateral issue (R.C.C.A. para. 82 , p.155)".**

Illi, ukoll, fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Salvu Galea" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Marzu 1992, ġie ritenut li "**L-espressjoni 'digriet interlokutorju' għandha sens ampju u tikkomprendi kull xorta ta' pronunzjament li jiġi mogħti fil-kors tal-kawża u li ma jipprekludix il-kontinwazzjoni tal-ġudizzju**".

Illi jibda' biex jingħad illi t-talba tal-appellant kif postulata fir-rikors ta'l-appell hija waħda legalment insostenibbli. Dan qed jingħad għaliex l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-Ewwel Qorti. Issa hija biss il-qorti minn fejn ikun emana id-digriet li għandha is-setgħa tirrevoka l-istess *contrario imperio*, u allura din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni tagħmel dak minnha miltub. Dan għaliex il-funzjoni tagħha hija ta' Qorti ta' Appell li tirrevedi decizjonijiet li minnhom jista' skond il-liġi jsir appell u konsegwentement tikkonferma, tannulla jew tirrevoka d-decizjoni ta' qorti ta'l-ewwel grad. Illi huwa l-artikolu 415 li jagħti is-

setgħa lil din il-Qorti ta' reviżjoni illi tissindika digriet mogħti mill-Qorti ta'l-Ewwel grad u dan biss fl-istanzi hemmhekk menzjonati:

**415. (1) L-appell minn digriet interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien mal-appell minn din is-sentenza.**

**(2) Jekk is-sentenza definittiva ma tkunx appellabbli, ma jingħatax lanqas appell mid-digriet interlokutorju.**

**(3) L-esekuzzjoni volontarja ta' digriet interlokutorju ma ġġibx li dan id-digriet ma jistax ikun appellat.**

**(4) L-appell mill-mertu tal-kawża jġib miegħu l-appell mid-digrieti interlokutorji, għalkemm dawn id-digrieti ma jkunux ġew imsemmijin speċifikatament.**

Illi, għalhekk, meta digriet ma jkunx tali li jimpedixxi kawża milli timxi 'l quddiem, bħalma huwa fil-każ odjern, l-appell mill-istess irid jiġi ntavolat wara li tkun ingħatat sentenza definittiva u dana flimkien mal-appell mis-sentenza finali. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Salvu Galea" iċċitata aktar il-fuq, ingħad li "**Digriet interlokutorju jżomm kawża milli titkompla jekk sa kemm id-digriet ma jiġix irrevokat, ma jibqa' xejn xi jsir fil-kawża u, konversament, jekk sabiex il-kawża tkun tista' titkompla r-revoka tad-digriet tkun indispensabbli**".

Illi, l-proċediment penali fil-konfront tal-appellant jinstab fi stadju kumpilatorju tiegħu. Illi kif tajjeb issostni l-Qorti Istruttorja fid-digriet tagħha il-kontestazzjoni tal-evidenza miġbura tista' ssir f'kull waqt jew mal-ħruġ tal-att ta'l-akkuża jew inkella meta l-Avukat Ġenerali jibgħat ir-rinviju għal ġudizzju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, bid-dritt ta' appell lil qrati superjuri fiż-żewġ istanza dwar l-ammissibbilita' ta' evidenza, u allura tad-digriet tal-Qorti Istruttorja dwar il-ħruġ tal-OIE, biex b'hekk huwa dejjem jibqagħlu dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni. Tant hu hekk illi is-sub-regolament 7 ghar-regolament 17 tal-Leġislazzjoni sussidjarja 9.25 innifisha, tagħti r-rimedju li qed ifittex l-appellant meta jingħad illi tista' ssir il-kontestazzjoni mhux biss kontra l-eżekuzzjoni, iżda ukoll kontra ir-rikonoxximent tal-Ordni u dan meta **"mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali, l-**

**Istati Membri għandhom jiżguraw <u>li fi proċedimenti kriminali fl-Istat emittenti jkunu rispettati d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal proċedimenti ġusti meta ssir il-valutazzjoni tal-provi miksuba permezz tal-OIE</u>."** Dan ifisser illi l-jedd għal smiegħ xieraq huwa dejjem imħares bid-dritt tad-difiża li tikkontesta l-evidenza miksuba u li tfittex it-twarrib ta'l-istess skont ir-regoli tal-evidenza domestika meta din tkun prova inammissibbli jew inkella meta fil-ġbir ta' dik l-evidenza ma jkunx hemm rispett lejn il-prinċipju tal-kontradittorju. Illi it-trasmissjoni tal-OIE lill-awtoritajiet tal-Lituwanja bl-ebda mod ma jivvjolaw dawn il-prinċipji, bl-appellant kif ingħad, jista' jfittex rimedju dejjem u jikkontesta l-evidenza miksuba permezz ta' tali Ordni.

Irid jingħad ukoll li mill-parti deċizorja ta' l-istess digriet, jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet irriservat li tipprovdi ulterjorment wara li jsiru l-emendi minnha ordnati lill-istess OIE, u dan sabiex l-istess tkun konformi mar-regoli proċedurali tal-ġbir tal-evidenza taħt il-liġi nazzjonali. Dina l-Qorti hija għalhekk tal-fehma li d-digriet in dizamina għandu jitqies bħala digriet interlokutorju li mhux talli ma waqqafx il-proċeduri ġja mibdija, talli lanqas il-kontestazzjoni innifisha tal-OIE innifsu ma jżomm la il-miżura investigattiva u lanqas il-kawża milli timxi 'il quddiem[2]. Dan iwassal għalhekk sabiex l-Qorti tiddikjara l-appell intavolat mill-appellant bħala wieħed intempestiv u nieqes minn bażi legali fit-termini tal-liġi kemm domestika kif ukoll dik ewropea u l-prinċipju tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali.

Finalment ma jistax jingħad illi l-appellant ma ingħatax il-jedd jikkontesta il-ħruġ tal-Ordni quddiem il-Qorti emmittenti, sabiex b'hekk mhuwiex minnu dak li issostni d-difiża illi il-liġi domestika tmur kontra dak dispost fl-artikolu 14 tad-Direttiva jew inkella tat-Trattat (TFUE). Il-kwistjoni imbagħad tal-ammissjoni ta' evidenza fi stadju kumpilatorju tista' dejjem tkun ikkontestata taħt il-liġi domestika kif ingħad iżjed 'il fuq sabiex b'hekk għall-appellant hemm ir-rimedju dejjem li tkun mill-qorti imwarrba dik l-evidenza li inkisbet kontra il-liġi jew bi ksur tal-jeddijiet tiegħu għal smiegħ xieraq.

[2] Artikolu 14(6) tad-Direttiva

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell tal-appellant Stefan Ellul bħala wieħed irritu u null u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja sabiex il-kawża fl-ismijiet premessi titkompla skond il-Liġi, b'riserva lill-appellant li jikkontesta l-OIE u l-evidenza miksuba abbażi tal-istess fl-istadju opportun.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**